MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 743/2013

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1129/13 maħruġ fit-30 ta' Lulju, 2013, fl-ismijiet:

Gian Domenico **SARTI**

vs

**PALAZZO EVENTS LIMITED** (C – 37746)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-kumpannija rikorrenti eżekutata Palazzo Events Limited (aktar 'il quddiem

imsejħa l-"eżekutata") fit-2 ta' Awwissu, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmijin, talbet li din il-Qorti tħassar f'biċċa minnu l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fuq imsemmi maħruġ kontra tagħha, u dan safejn dak il-Mandat jolqot u qiegħed iżomm il-ħlas tal-pagi dovuti lill-impjegati tagħha;

Rat id-Degriet tagħha tat-8 ta' Awwissu, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-intimat eżekutant, għall-finijiet tal-artikolu 836(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u ordnat ukoll li l-eżekutata tikkonferma bil-ġurament il-fatti msemmijin fir-rikors tagħha;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutant fit-23 ta' Ottubru, 2013, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija laqa' għat-talba tal-eżekutata billi warrab ir-raġuni mogħtija minnha għat-tħassir tal-Mandat bħala waħda li ma hijiex mistħoqqa fil-liġi. Żied jgħid li taħt l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġi msemmija mill-eżekutata ma jmissha tintlaqa' t-talba għat-tħassir, imqar f'parti, tal-Mandat maħruġ;

Rat in-Nota mressqa mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili fit-12 ta' Novembru, 2013, dwar il-prova tan-notifika tar-rikors lill-eżekutant għall-finijiet tar-Regolament Komunitarju 1393/2007;

Rat li rappreżentant tal-eżekutata ħalef il-kontenut tar-rikors fid-9 ta' Diċembru, 2013;

Rat id-dokument imressaq mir-rikorrenti eżekutata mar-Rikors;

Rat l-atti kollha tar-Rikors u tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-eżekutata trid li jitħassar, imqar f'parti, Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li l-intimat

eżekutant ħareġ kontriha fit-30 ta' Lulju, 2013, biex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu fis-somma ta' mitejn u elfejn, mija u żewġ euro (€ 202,102) li huwa jippretendi bħala ħlas ta' servizzi professjonali mogħtijin lill-eżekutata u li dwarhom huwa fetħilha kawża quddiem din il-Qorti dak inhar stess[1]. Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, b'notifika lil tlettax-il (13) sekwestratarju, wħud minnhom banek kummerċjali;

Illi r-rikorrenti eżekutata ssejjes it-talba tagħha għat-tħassir tal-Mandat fuq il-fatt li hija tħaddem għadd ta' persuni bħala impjegati u tgħid li, minħabba s-sekwestru, mhijiex f'qagħda li toħorġilhom il-ħlas tal-pagi jew salarji tagħhom. Hija tgħid li f'dan ir-rigward, il-liġi nnifisha tgħid li ma jistgħux jinħarġu Mandati ta' Sekwestru fuq is-salarju jew il-paga ta' ħaddiem[2], ħlief fiċ-ċirkostanzi maħsuba bħala eċċezzjoni mill-istess liġi[3]. Iżżid tgħid ukoll li jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 842 u 849 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Iżżid tgħid ukoll li l-liġi, band'oħra[4], tqis il-paga ta' impjegat bħala dejn privileġġjat li jitħallas qabel kull dejn ieħor u għalhekk ukoll il-Mandat imissu jitħassar, għaliex il-paga tal-impjegati tagħha taqbeż il-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant. Hija żammet sħiħ il-jedd tagħha li titlob it-tħassir tal-Mandat taħt l-artikolu 836 tal-istess Kodiċi f'talba separata[5];

Illi r-raġuni mogħtija mir-rikorrenti eżekutata bħala dik li għaliha hija qiegħda titlob it-tħassir f'parti tal-Mandat ma jidhirx li hija tajba u mistħoqqa u l-intimat eżekutant jgħid sewwa li l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet li fuqhom l-eżekutata ssejjes it-talba tagħha ma għandha twassal biex il-Qorti tilqa' t-talba;

Illi, fl-ewwel lok, il-Qorti hija tal-fehma li l-eżekutata ma tistax toqgħod fuq dak li jgħid l-artikolu 381(1)(a) tal-Kodiċi biex tiġġustifika t-tħassir tal-Mandat. L-imsemmi artikolu huwa maħsub li jħares fit-tgawdija tas-salarju jew il-paga li jkun ħadem għaliha lil dik il-persuna li **lilha huwa dovut**

[1] Rik. Nru. 733/13JRM
[2] Art.831(1) tal-Kap 12
[3] Art.831(2) tal-Kap 12
[4] Art. 20 tal-Kap 452
[5] Kif fil-fatt għamlet b'rikors nuru. 752/13JRM fis-6.8.2013

**dak il-ħlas**: dak l-artikolu ma jħarisx lil **min hu marbut li jħallas il-paga**. L-eżekutata ma kellha l-ebda salarju jew paga x'tieħu mingħand l-eżekutant. Kieku kellha tingħata t-tifsira għal dak l-artikolu li trid tagħtiha l-eżekutata, kieku l-ebda Mandat ta' Sekwestru ma jitħalla fis-seħħ kull darba li l-parti eżekutata tgħid li l-flus miżmuma kienu maħsuba biex jitħallsu l-pagi u s-salarji tal-ħaddiema tagħha. Minbarra dan, l-eżekutant jgħid li, bil-Mandat b'kollox, inżammu anqas flus milli l-eżekutata tgħid li kellha tħallas f'pagi u salarji f'xahar wieħed. Dan ifisser biss li l-eżekutata kienet qiegħda tinqeda bl-iskuża tal-pagi tal-ħaddiema biex taħrab mill-effetti tal-Mandat li, wara kollox, inħareġ b'ħarsien tal-pretensjonijiet tiegħu għall-ħlas ta' servizzi li huwa ta lill-istess eżekutata;

Illi fit-tieni lok, il-Qorti ma tifhimx x'għandu x'jaqsam l-artikolu 842 tal-imsemmi Kodiċi mar-raġuni li għaliha l-eżekutata titlob it-tħassir tal-Mandat. L-imsemmi artikolu ma jgħoddx għall-Mandat ta' Sekwestru, iżda għal Mandat ieħor, għalkemm kawtelatorju. Għalkemm fis-sewwa l-artikolu huwa maħsub biex jgħodd ukoll għall-Mandat ta' Sekwestru[6], dan jirreferi għal dawk il-każijiet fejn il-Qorti tintalab tagħti provvediment biex il-ħaġa deskritta ma titgħarraqx, ma titħassarx jew ma tiġrilhiex ħsara. Fil-każ tal-flejjes sekwestrati (u eventwalment depożitati taħt l-awtorita' tal-Qorti mis-sekwestratarji), ma hemm il-biżgħa li jiġri xejn minn dak kollu;

Illi, fit-tielet lok, lanqas ma jiswa lill-eżekutata dak li jiddisponi l-*proviso* tal-artikolu 849 tal-Kodiċi msemmi. Fl-ewwel lok, dak il-*proviso* jgħodd biss fil-każijiet fejn Bank kummerċjali li jkun sekwestratarju f'Mandat kawtelatorju jkun ħareġ garanzija bankarja favur persuna u safejn is-somma hekk garantita tkun intlaqtet bil-ħruġ tal-Mandat. Fit-tieni lok, il-Mandat ta' sekwestru maħruġ mill-intimat eżekutant ma nħariġx biss lil sekwestratarji li huma Banek kummerċjali, iżda lil terzi wkoll. Mela għalihom żgur ma jgħoddux id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi *proviso*. Fit-tielet lok, ukoll kieku dak l-artikolu kien jgħodd għall-każ, l-eżekutata naqset li tgħarraf lill-Qorti liema wieħed mill-

[6] Ara art. 849 tal-Kap 12

Banek sekwestratarji kien maħtur minnha biex iħaddem il-kont li minnu jitħallsu l-pagi u s-salarji tal-impjegati u ħaddiema oħra tagħha. Dan ikompli jqawwi l-fehma tal-Qorti li l-għan waħdieni wara t-talba tal-eżekutata huwa mod innovattiv kif wieħed iħassar Mandat bla ma jdur lejn id-dispożizzjoni tal-liġi li taħseb kif dan imissu jsir;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrenti billi:

**Tiċħdu** għaliex ir-raġuni mogħtija mill-eżekutata mhijiex tajba fil-liġi; u

**Tordna** li r-rikorrenti eżekutata tħallas **l-ispejjeż** ta' din il-proċedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------